

## Il-Knisja ta' San Pawl eremita f'Wied il-Għasel, il-Mosta - George Cassar

### Il-Leġġenda

Skond leġġenda qadima, fl-għar fejn hi mibnija il-knisja ta' San Pawl Eremita, f'Wied il-Għasel darba kien jgħix raġel twajjeb jismu Korradu. Huwa kien spiss iwiddeb lil xi ragħjja li kienu jkunu fl-inħawi biex ibidlu ħajjithom. Imdejqin bih kif kienu, darba bdew iwaddbulu l-ġebel biex ikeċċuh minn dan l-għar. Korradu ħarbilhom u r-ragħajja ġrew warajh sax-xatt, iżda hu telaq bil-baħar fuq il-mantell tiegħu stess lejn Għawdex, fejn għadda il-bqija ta' ħajtu fil- Qala, sewwasew fejn illum hemm il-knisja tal-Kunċizzjoni. Meta raw hekk ir-ragħajja nidmu minn dak li kienu għamlu u biex ipattu għal għemilhom bnew knisja fl-għar li kien jgħix fih Korradu u ddedikawha lil San Pawl Eremita ta' l-Eġittu.

### Il-Kappella

Din il-knisja ċkejkna li naraw illum inbniet fl-1656 flok oħra eqdem minnha li kienet mibnija fl-istess post. Fiha hemm artal iddedikat lil San Pawl Eremita u fuq ix-xellug tiegħu hemm għar mibdul f'kappella b'artal quddiem ix-xbieha tal-Madonna tal-Grazzja mwaqqaf minn Ġan Pawl Mangion fl-1656. F'din il- kappella tal- Madonna hemm iqattar ilma mill-aktar safi li jinġabar fi tlett iħwat imqattgħa fil-blat u jibqa sejjer f'bir li hemm biswit il-knisja. Xi wħud mill-Granmastri kienu jibgħatu l-qaddejja biex iġibulhom minn dan l-ilma għax-xorb. Il-Gran Mastru Manwel Pinto huwa magħdud b'wiehed mill-benefatturi ta' din il-knisja. Skon kif hemm imniżżel fil-vista pastorali ta' l-Isqof Baldassare Cagliares ta' l-1615 insibu li l- knisja ta' San Pawl Eremita kienet miżmuma b'għożża mhux biss mill- Mostin iżda sahansitra minn bosta nies tal-gżira ta' Malta.



Matul is-sena kien isir ħafna quddies fiha u kienu jiġu ċċelebrati l-festi tal-Madonna tal-Grazzja u ta' San Pawl Eremita. Wara l-pesta ta' l-1676, Dun Ortensju Bennini, li kien Maestro di

Cappella tal- knisja konventwali ta' San Ġwann fil-belt, kien beda jagħmel quddiesa bil-mużika nhar il- festa ta' San Pawl Eremita li taħbat fil- 15 ta' Jannar.

Għall ħabta ta' l-1920, l-Arċisqof Dom Mawru CaruanaO.S.B. ħatar lil Dun Karm Gauci mill-Mosta biex jieħu ħsieb din il-knisja. Fost il-ħafna xogħlijiet li għamel nsemmu l-artal tal- Madonna tal-Grazzja li kien għamlu ta' l-irħam abjad. Kien għamel ukoll iz-zuntier u dawru b'rixtellu tal-ħadid. L-art tal-knisja kien għamilha kollha madum u dan kienu jniżżluh maduma maduma t-tfal tad-duttrina. Kien għamel ukoll passaġġ tul il-wied kollu biex in-nies tkun tista tasal faċilment sal-knisja. Hemmhekk Dun Karm kien iqaddes kull nhar ta Erbgħa u nhar ta' Ħadd u l-knisja kienet tkun miftuħa għaż-żjarat tad-devoti.

Meta fil-fortizza ta' Misraħ Għonq li hemm ftit 'l hemm minn din il- kappella bdew jiħaffru mħazen fil-blat, b'xorti ħażina, il-materjal beda jitwaddab għall-wied u b'hekk dak il-passaġġ li b'tant sagrifiċċju ħa ħsieb jagħmel Dun Karm Gauci safa' mirdum bit-terapien. Minħabba f'hekk kienet saret ftit diffiċli biex in-nies jinzlu f'din il-knisja u bil-mod il-mod bdiet tiġi abbandunata. Fl-1970, mid-dehra lanqas kien fadal min jieħu ħsieb din il-knisja u saħansitra bdew jidhru xi atti vandali wkoll. Fl-1972 il-kwadri u l-armar tal-knisja kienu ittelgħu fil-parroċċa minħabba l-biża ta' xi serq. Fi ftit żmien il-knisja ġarrbet ħsarat kbar u biex tkompli tagħqad, blata kbira nqatgħet mill-għoli tal-għar u ġarrfet parti miz-zuntier. Fis-snin tmenin din il-blata tneħħiet u twaħħlu l-bibien tal-ħadid. Sfortunatament blata oħra waqgħet fuq il-bejt tal-kappella u sfrondat parti mis-saqaf. Ix-xogħol waqaf ħesrem.



Fl-1992 għadd ta' voluntiera Mostin bdew jirranġaw mill-ġdid din il-knisja tant pittoreska. Kull ma kien hemm nieqes jew imfarrak gie irranġat u nhar it-12 ta' Settembru 1993, jum il-festa tal-Madonna tal-Grazzja il-knisja nfetħet mill-ġdid għall-qima tan-nies. Żewġ pitturi oriġinali -il-Madonna tal-Grazzja u San Pawl Eremita- li kienu ttieħdu fir-rotunda nbiddlu ma' kopji li issa jinsabu fil-kapella. Din l-Art Ħelwa għenet fit-twettieq ta' dawn iż-żewġ kopji.

Din hi l-unika knisja f'Malta ddedikata lil San Pawl Eremita u waħda mill-ftit mibnija ġewwa għar li għadhom jezistu.

**Il-Qaddis**

San Pawl Eremita twieled fl-Eġittu fis-sena 228. Meta kellu 15-il-sena l-ġenituri tiegħu ħallewh jgħix ma' oħtu

miżżewġa u huma telqgħu jgħixu f'dar fil-kampanja minħabba l-persekuzzjoni kbira li l-imperaturi Deċju u Valerjanu qajmu kontra l-knisja fl-Eġittu. Ġara, li r-raġel t'oħtu li kien mogħni wara l-ġid tad-dinja kien ser jgħid lill-ufficjali ta' l-imperatur li Pawlu kien Nisrani biex jagħtuħ il- mewt u hu jiret il-ġid li kellu. Imwerwer mill-ħruxija tat-tiranni, San Pawl telaq fid-dezert biex għadda il-bqija ta' ħajtu fil-kwiet, jitlob u jagħmel penitenzi ħorox. Qabel miet, kellu żjara minn Sant'Anton Abbati, li bħalu kien qed jghix fl-eremitaġġ ta' l-Egittu.

L-istorja tgħidilna illi għal 60 sena sħaħ il- Mulej kien jinqeda b'ċawlun li kien iwassal nofs ħobza lil Pawlu għall-għajxien tiegħu. Dak inhar li kien hemm Sant' Anton miegħu, iċ-ċawlun ġab ħobza sħiħa u wara li trejqu b'dak il-ħobż u xorbu mill-ilma tan-nixxiegħa, raddew ħajr lil Alla u għaddew il-lejl fit-talb. Issa kien wasal il-mument li r-ruħ qaddisa ta' San Pawl Eremita tmur tiċievi l-premju ta' dejjem. Fil-fatt kien Sant'Anton stess li keffnu u wara talab għalih skond it-tradizzjoni Nisranija. Kien midfun fl-istess post fejn għex. Miet fis-sena 341 fl-eta kbira ta' 113-il-sena.

Il-Papa Pawlu V ordna li l-festa f'ġieħ San Pawl Eremita tibda ssir fil-15 ta' Jannar. Kien il-kbir għaref tal-knisja San Ġlormu li ħalla miktuba l-ħajja qaddisa ta' San Pawl li kien l-ewwel wieħed li beda jgħix ħajja ta' eremita fl-Eġittu.

***Referenzi:***

*Storja tal-Mosta ta' E.B.Vella u Il-Brevjar Ruman*

Callus
Garden Centre
Importers of trees, palms, plants, shrubs, seasonal flowers, fresh flowers, flower bulbs, herbs, compost and all of your gardening requirements.
Jonathan Callus
Callus Garden Centre, Triq L-Imqabba, Siġġiewi, SGW 2600
info@callus_landscaping.com
calluslandscaping@gmail.com
21462229 | 79405135
Callus Garden Centre